Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,000, 13 ta' Ottubru, 2000
Taqsima B

A.L. 211 ta' l-2000

ATT GĦALL-PROMOZZJONI TAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IX-XOGĦOL (KAP. 367)

Regolamenti ta' l-2000 dwar Ħtiġiet Minimi ta' Saħħa u Sigurtà f'Xogħol b'Apparat ta' Wiri fuq Skrin

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 7 u 17 ta' l-Att għal Promozzjoni tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol, il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali, wara li kkonsulta l-Kummissjoni għall-Promozzjoni tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu r-Regolamenti ta' l-2000 dwar Ħtiġiet Minimi ta' Saħħa u Sigurtà f'Xogħol b'Apparat ta' Wiri fuq Skrin.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Lulju, 2001.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"apparat" tfisser apparat ta' wiri fuq skrin;

"apparat ta' wiri fuq skrin" tfisser kull wiri alfanumeriku jew grafiku fuq skrin, irrispettivament mill-proċess ta' wiri involut;

"Att" tfisser l-Att għall-Promozzjoni tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol; Kap. 367.

"Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impieg;

"test ta' l-għajnejn u tal-vista" tfisser test biex jistabbilixxi l-preżenza u x-xorta ta' xi difetti fil-vista, u l-korrezzjoni, rimedju jew serħan ta' xi difett bħal dan permezz ta' tagħmir ottiku li jiġi preskritt fuq dak li jiġi stabbilit;

"ħaddiem" tinkludi persuna li ma tkunx impjegata iżda li tkun imqabbda tagħmel xogħol minn min iħaddem, liema xogħol ikun jinvolvi l-użu tas-soltu u regolari ta' apparat ta' wiri fuq skrin, kif ukoll impjegat li juża apparat ta' wiri fuq skrin f'post fejn isir ix-xogħol fid-dar;

"post fejn isir ix-xogħol" tfisser ġabra ta' tagħmir li tikkomprendi:

(a) apparat ta' wiri fuq skrin, kemm jekk ikun u jekk ma jkunx provdut b'*keyboard* jew *input device* u, jew, *software* li jagħti lok għall-*interface* bejn l-operatur u l-makkinarju;

(b) aċċessorji, li ma jkunux obbligatorji, għall-apparat ta' wiri fuq skrin;

(ċ) *disk drive*, telefon, *modem*, *printer*, post fejn jinżammu d-dokumenti, siġġu tax-xogħol, skrivanija tax-xogħol, superfiċi tax-xogħol jew kull ħaġa'oħra li hija marġinali għall-apparat ta' wiri fuq skrin; u

(d) l-ambjent tax-xogħol viċin madwar l-apparat ta' wiri fuq skrin.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kliem u frażijiet hemm imfissra għandhom l-istess tifsir bħalma għandhom fl-Att, u d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda ma' l-Att.

Dawn ir-regolamenti ma japplikawx.

3. Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal jew dwar kabini ta' sewwieqa jew kabini ta' kontroll għal vetturi bil-mutur jew makkinarju, apparat ta' wiri fuq skrin li jkun abbord xi mezz ta' trasport, apparat ta' wiri fuq skrin li huwa prinċipalment maħsub għall-użu jew biex jiġi operat mill-pubbliku, sistemi li jinġarru u li ma jkunux użati għal ħin twil fil-post fejn isir ix-xogħol, *calculators*, *cash registers* jew kull apparat li jkollu wiri żgħir ta' *data* jew ta' kejl li jkun meħtieġ għall-użu dirett ta' l-apparat, *typewriters* ta' disinn tradizzjonali, tax-xorta magħrufa bħala *typewriter with window*.

Dmirijiet ta' min iħaddem.

4. (1) Kull min iħaddem għandu jidentifika kull apparat ta' wiri fuq skrin u l-postijiet fejn isir ix-xogħol li jintużaw fuq il-post tax-xogħol tiegħu għall-għan ta' l-impriża tiegħu, u dwar dawk il-postijiet u apparat, min iħaddem għandu jżomm u jaġġorna b'mod adegwat *record* tagħhom, inkluż l-ismijiet tal-persuna jew persuni li jużaw l-apparat, u tal-miżuri li jittieħdu biex tiġi mħarsa s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

(2) Għal kull post fejn isir ix-xogħol, min iħaddem għandu jagħmel analiżi adatta u sufiċjenti biex issir stima tar-riskji għas-saħħa u għas-sigurtà li għalihom persuni jistgħu jkunu esposti b'konsegwenza ta' dak l-użu, inkluż riskji possibbli għal vista, problemi fiżiċi u problemi ta' tensjoni mentali.

(3) Kull stima magħmula minn min iħaddem konformi ma' dak hawn aktar qabel imsemmi, għandha tiġi riveduta minn min iħaddem jekk ikun hemm raġuni għaliex wieħed jaħseb li ma tkunx għadha valida jew jekk tkun saret xi tibdila importanti f'kull ħaġa jew ċirkostanza li tirreferi għalihom.

Min iħaddem għandu jagħti rimedju għar-riskji.

5. Fejn l-istima turi li jkun hemm riskju għas-saħħa u s-sigurtà, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri xierqa biex isib rimedju għar-riskji misjuba sakemm dan ikun raġonevolment prattikabbli, meta wieħed iqis l-effetti miżjuda u, jew mgħaqqda tar-riskji hekk misjuba.

Konformità mal-ħtiġiet.

6. (1) Kull min iħaddem għandu jiżgura li kull post fejn isir ix-xogħol jew apparat ta' wiri fuq skrin li jintuża għall-ewwel darba wara l-1 ta' Lulju, 2001, ikun konformi mal-ħtiġiet minimi imniżżla fl-Iskeda.

(2) Kull min iħaddem għandu jiżgura li kull post fejn isir ix-xogħol jew apparat ta' wiri fuq skrin li jkunu diġà qed jintużaw qabel l-1 ta' Lulju, 2001, għandhom jiġu magħmula konformi mal- ħtiġiet minimi imniżżla fl-Iskeda sa l-1 ta' Jannar, 2002.

Informazzjoni u taħriġ għall-ħaddiema.

7. (1) Kull min iħaddem għandu jagħti dik l-informazzjoni u taħriġ lill-ħaddiema dwar l-aspetti kollha tas-saħħa u s-sigurtà konnessi mal-post tagħhom fejn isir ix-xogħol.

(2) Fil-każijiet kollha, dew il-ħaddiema u sew ir-Rappreżentanti tagħhom dwar Saħħa u Sigurtà, fejn dawn ikunu ġew magħżula, eletti jew mod ieħor maħtura minn min iħaddem biex jirrappreżentaw lill-ħaddiema fil-ħwejjeġ kollha li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, għandhom ikunu mgħarrfa dwar kull miżura għas-saħħa u s-sigurtà li tittieħed biex jitħarsu dawn ir-regolamenti.

(3) Kull ħaddiem għandu jirċievi taħriġ fl-użu tal-post fejn isir ix-xogħol qabel ma jibda jaħdem fih u kull darba li tinbidel l-organizzazzjoni tal-post fejn isir ix-xogħol b'mod sostanzjali.

Rutina tax-xogħol ta' kuljum.

8. Min iħaddem għandu jippjana l-attivitajiet tal-ħaddiem b'mod li x-xogħol ta' kuljum fuq apparat ta' wiri fuq skrin jiġi mwaqqaf kull tant żmien b'perjodi ta' waqfien jew ta' bdil ta' attivit à, billi jitnaqqas l-ammont tax-xogħol fuq l-apparat ta' wiri fuq skrin.

Konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiema.

9. (1) Min iħaddem għandu jikkonsulta u jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni ta' ħaddiema u, jew tar-Rappreżentanti dwar Saħħa u s-Sigurtà, fejn dawn ikunu ġew magħżula, eletti jew maħtura mod ieħor, dwar kull miżura li tista' taffettwa b'mod sostanzjali s-saħħa u s-sigurtà, dwar l-informazzjoni li għandha tingħata bis-saħħa ta', kif

ukoll l-organizzazzjoni u l-ippjanar tat-taħriġ imsemmi, fir-regolament 7.

(2) Il-ħaddiema u r-Rappreżentanti tagħhom dwar Saħħa u s-Sigurtà jkollhom id-dritt li jagħmlu proposti lil min iħaddem dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam mas-saħħa u s-sigurtà li hi konnessa ma' l-użu ta' apparat ta' wiri fuq skrin.

Protezzjoni ta' l-għajnejn u l-vista tal-ħaddiema.

10. (1) Il-ħaddiema jkunu intitolati għal testijiet xierqa ta' l-għajnejn u tal-vista, liema testijiet għandhom isiru minn persuna li jkollha l-kapaċitajiet meħtieġa, qabel ma jibdew jużaw l-apparat ta' wiri fuq skrin b'mod tas-soltu u regolari, f'intervalli regolari wara dan, u jekk jgħaddu minn diffikultajiet fil-vista li jistgħu jkunu kaġunati mix-xogħol fuq l-apparat ta' wiri fuq skrin.

(2) Il-ħaddiema jkunu intitolati għal eżami ta' l-għajnejn jekk ir-riżultati tat-test imsemmi fis-subregolament (1) juru li dan ikun meħtieġ.

(3) Id-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tas-Saħħa għandu jiddeċiedi dwar il-kompetenza u l-kwalifiki meħtieġa fil-każ tal-persuni li jagħmlu t-testijiet ta' l-għajnejn u l-vista u l-eżamijiet ta' l-għajnejn.

(4) Jekk ir-riżultati tat-test imsemmi fis-subregolament (1) jew ta' l-eżami msemmi fis-subregolament (2) juru li dan ikun meħtieġ, u jekk ma jistax jiġi wżat tagħmir normali korrettiv, il-ħaddiema għandhom jiġu provduti minn min iħaddem b'tagħmir korrettiv speċjali, li hu maħsub biex jikkorreġi difetti fil-vista skond id-distanza jew distanzi ta' ħars, użat speċifikatament għax-xogħol fuq apparat ta' wiri fuq skrin u li hu adatt għax-xogħol li jkun qed isir.

(5) Ħaddiem ma għandu taħt ebda ċirkostanza jbati xi tnaqqis mill-paga jew xi tnaqqis ta' xi benefiċċju, u ma għandu jħallas ebda spejjeż, dwar xi miżura li tittieħed minn min iħaddem skond dawn ir-regolamenti.

Reati.

11. Kull ksur ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jitqies bħala reat.

SKEDA

Ħtiġiet minimi ta' saħħa u sigurtà għal postijiet fejn isir ix-xogħol u għal apparat ta' wiri fuq skrin

Kummenti preliminari

Id-dmirijiet imsemmija f'din l-Iskeda għandhom japplikaw biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti u sakemm il-komponenti involuti jkunu preżenti fil-post fejn isir ix-xogħol, u li l-ħtiġiet jew il-karatteristiċi inerenti tax-xogħol ma jipprekludux dan.

1. Apparat

(a) Kumment ġenerali

L-użu, fih innifsu, ta' l-apparat ma għandux ikun sors ta' riskju għall-ħaddiema.

(b) Skrin ta' wiri

Il-karattri fuq l-iskrin għandhom ikunu inċiżi sew u fformati b'mod ċar, ta' qies adegwat u bi spazju adegwat bejn il-karattri u l-linji.

L-istampa fuq l-iskrin għandha tkun stabbli, ma għandhiex tkun itteptep jew turi forom oħra ta' instabilità.

Il-qawwa u, jew il-kuntrast bejn il-karattri u l-isfond għandhom jkunu aġġustabbli b'mod faċli mill-ħaddiem, u għandhom jkunu ukoll aġġustabbli b'mod faċli skond il-kondizzjonijiet ta' l-ambjent.

L-iskrin għandu jkun jista' jdur minn naħa għall-oħra u jittella 'l fuq jew 'l isfel faċilment u mingħajr xkiel biex jaqdi l-ħtiġiet tal-ħaddiem.

Għandu jkun possibbli li tintuża bażi separata għall-iskrin jew xi mejda li tista' tiġi aġġustata.

L-iskrin ma għandux ikollu dija li tgħammex u riflessi li jistgħu jikkaġunaw skumdità lill-ħaddiem.

(ċ) *Keyboard*

Il-*keyboard* għandha tkun b'mod illi tista' tiġi mmejla u għandha tkun separata mill-iskrin biex tippermetti lill-ħaddiem biex isib pożizzjoni komda għax-xogħol biex tiġi evitata l-għejja fid-dirgħajn u fl-idejn.

L-ispazju quddiem il-*keyboard* għandu jkun biżżejjed biex jipprovdi sosteniment għall-idejn u d-dirgħajn tal-ħaddiem.

Il-*keyboard* għandu jkollha superfiċi matta biex tiġi evitata dija li tgħammex.

L-arranġament tal-*keyboard* u l-karatteristiċi tal-kjavi għandhom ikunu b'mod li jiffaċilitaw l-użu tal-*keyboard*.

Is-simboli fuq il-kjavi għandu jkollhom kuntrast xieraq u leġibbli mill-pożizzjoni li wieħed jaħdem fiha.

(d) Skivanija jew superfiċi fejn isir ix-xogħol

L-iskrivanija jew is-superfiċi fejn isir ix-xogħol għandu jkollha wiċċ li jkun kbir biżżejjed, u ma jirriflettix ħafna u li jippermetti l-arranġament flessibbli ta' l-iskrin, il-kjavi, id-dokumenti u apparat relatat.

L-apparat li jżomm id-dokument għandu jkun stabbli u aġġustabbli u għandu jkun imqiegħed b'mod li jnaqqas il-ħtieġa għal movimenti skomdi tar-ras u ta' l-għajnejn.

Għandu jkun hemm spazju biżżejjed għall-ħaddiema biex jistgħu jsibu pożizzjoni komda.

(e) Siġġu tax-xogħol

Is-siġġu tax-xogħol għandu jkun stabbli u jippermetti lill-operatur moviment mhux ristrett u pożizzjoni komda.

L-għoli tas-sedil għandu jkun aġġustabbli.

Id-dahar tas-siġġu għandu jkun aġġustabbli kemm fl-għoli kif ukoll fl-angolu.

Għandu jkun provdut mirfes għal kull minn isaqsi għalih.

2. Ambjent

(a) Ilitiġiet ta' spazju

Il-post fejn isir ix-xogħol għandu jkun ta' dak id-daqs u disinjat biex jipprovdi spazju biżżejjed biex il-ħaddiem ikun jista' jibdel il-pożizzjoni u jvarja l-movimenti.

(b) Dawl

Id-dawl tal-kamra u, jew *spotlighted* (lampi tax-xogħol)

għandhom jiżguraw kondizzjonijiet ta' dawl sodisfaċenti u kuntrast xieraq bejn l-iskrin u l-ambjent fl-isfond, meta wieħed iqis ix-xorta tax-xogħol u l-ħtiġiet tal-vista tal-ħaddiem.

Il-possibiltà ta' disturb minn dija u riflessi fuq l-iskrin jew xi apparat ieħor għandha tiġi evitata billi ssir ko-ordinazzjoni bejn il-post tax-xogħol u d-disinn tal-post fejn isir ix-xogħol mal-pożizzjonar u karatteristiċi tekniċi tas-sorsi ta' dawl artifiċjali.

(ċ) Riflessi u tgħammix

Il-postijiet fejn isir ix-xogħol għandhom ikunu hekk disinjati li sorsi ta' dawl, bħalma huma twieqi u aperturi oħra, ħitan trasparenti jew li jgħaddi d-dawl minnhom, u affarijiet mwaħħlin jew ħitan li huma kkuluriti b'kulur qawwi ma jikkawżawx dija diretta u, kemm jista' jkun, tgħammix fuq l-iskrin.

It-twieqi għandu jkollhom sistema xierqa li tgħatti u li tkun aġġustabbli biex tnaqqas id-dawl tax-xemx li jiġi fuq il-post tax-xogħol.

(d) Hsejjes

Il-ħoss li joħroġ minn apparat li għandu x'jaqsam ma' post fejn isir ix-xogħol għandu jiġi kkunsidrat meta l-post fejn isir ix-xogħol ikun qed jiġi mgħammar, bl-iskop, partikolarment, li ma tintilifx l-attenzjoni u d-diskors ma jiġix disturbat.

(e) Sħana

L-apparat ta' post fejn isir ix-xogħol ma għandux jipproduċi sħana eċċessiva li tista' ddejjaq lill-ħaddiema.

(f) Radjazzjoni

Kull radjazzjoni, bl-eċċezzjoni tal-parti viżibbli ta' l-ispettru elettromanjetiku għandha tiġi mnaqqsa għal livelli żgħar ħafna għal dak li għandu x'jaqsam mal-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

(g) Umdità

Għandu jiġi stabbilit u għandu jinżamm livell adegwat ta' umdità.

3. *Interface* bejn il-*computer* u l-ħaddiem

Fl-iddisinjar, għażla, kummissjonar u modifika fis-*software*, u

fl-iddisinjar ta' ħidmiet li jirrikjedu apparat ta' wiri fuq skrin, min iħaddem għandu jqis il-prinċipji li ġejjin:

(a) is-*software* għandu jkun xieraq għall-ħidma;

(b) is-*software* għandu jkun faċli biex jintuża u, fejn xieraq, adattabbli għall-livell ta' tagħrif jew esperjenza tal-ħaddiem; ma għandha tintuża ebda faċilità li tqis il-kwantità jew il-kwalità tal-ħidma mingħajr l-għarfien tal-ħaddiema;

(ċ) is-sistemi għandhom jipprovdu *feedback* lill-ħaddiema dwar kif jitħaddmu dawk is-sistemi;

(d) is-sistemi għandhom juru l-informazzjoni f'format u b'dik l-għaġġla adatta għall-ħaddiema; u

(e) għandhom jiġu applikati l-prinċipji ta' *software ergonomics*, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam ma' *data processing* li jsir mill-bniedem.